



Brussell, 8 ta' April 2026  
(OR. en)

16833/25  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0271 (COD)

---

---

TRANS 650  
CODEC 2139

### **ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL**

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010

– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta<sup>1</sup> għal Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010. Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u hija nneqozjata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.
2. Il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali tiegħu fil-Kunsill TTE (trasport) fit-18 ta' Ġunju 2024.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-mandat ta' negozjar tiegħu fis-sessjoni plenarja tat-12 ta' Marzu 2024.
4. L-ewwel trilogu ġie organizzat fid-19 ta' Novembru 2024 li ta mandat ġenerali lil-livell tekniku. Ġew organizzati żewġ trilogi oħra fit-3 ta' Marzu 2025 u fl-10 ta' Ġunju 2025. Fir-raba' u l-aħħar trilogu fit-18 ta' Novembru 2025, il-Kunsill u l-Parlament laħqu ftehim proviżorju.
5. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb li jintlaħaq qbil u kkonfermah.
6. Fis-27 ta' Jannar 2026, il-President tal-Kumitat TRAN baġhat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li tikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova t-test maqbul fl-ewwel qari, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.

---

<sup>1</sup> ST 11718/23 + ADD 1 sa 4

## II. OBJETTIV

7. Ir-Regolament għandu l-għan li japplika qafas regolatorju uniku għall-operat tal-kapaċità tan-network ferrovjarju. Ir-regoli dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità stabbiliti fid-Direttiva 2012/34/UE huma ssostitwiti b'dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-proposta tibni fuq il-proġett tar-Riprogrammar tal-Orarji (TTR) immexxi mill-industrija, li għandu l-għan li jagħti lill-maniġers tal-infrastruttura flessibbiltà akbar kemm għall-ippjanar strateġiku aktar fit-tul kif ukoll għall-allokazzjoni tal-kapaċità fuq terminu iqsar permezz ta' proċess ġdid ta' ppjanar u allokazzjoni. Ippjanar aktar fit-tul minn qabel ser jippermetti użu aħjar tal-infrastruttura. Dan ser iwassal ukoll għal qasma aktar ibbilanċjata bejn it-tipi differenti ta' utenti tal-kapaċità ferrovjarja, kemm jekk ikunu passiġġieri kif ukoll jekk ikunu merkanzija, speċjalment għall-benefiċċju tat-trasport tal-merkanzija, li għandu jsir aktar affidabbli.
8. F'termini ta' organizzazzjoni, il-proposta tal-Kummissjoni saħħet iċ-ċentralizzazzjoni fil-livell tal-UE, b'Network Ewropew ta' Maniġers tal-Infrastruttura (ENIM) imsaħħaħ u l-ħolqien ta' entità ġdida: il-Koordinatur tan-Network. Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni propost oriġinarjament inbidel fil-Bord Konsultattiv tal-Prestazzjoni. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-partijiet ikkonċernati ser ikollhom il-possibbiltà li jstabbilixxu l-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea (ERP).

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

9. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġislaturi.

## Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

10. Ir-Regolament jintroduċi regoli ġodda għall-allokkazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, li jippermettu ppjanar aktar fit-tul tas-servizzi ferrovjarji u b'hekk jaspira li jsir użu aħjar tal-infrastruttura u jippermetti aktar servizzi ferrovjarji, kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija. Is-sistema l-ġdida hija bbażata fuq sistema komprensiva ta' konsultazzjonijiet li tippermetti lill-maniġers tal-infrastruttura jifhmu aħjar il-ħtiġijiet tal-applikanti differenti. Wara l-fażi ta' konsultazzjoni, ser tiġi allokata l-kapaċità. Ladarba tiġi allokata, hemm ukoll regoli dettaljati li jippermettu bidliet fl-ippjanar. Is-sistema l-ġdida hija mfassla wkoll biex tippermetti koordinazzjoni transfruntiera aħjar u tippermetti l-istabbiliment ta' servizzi aħjar f'diversi networks. Hemm ukoll sistema ta' penali mfassla biex tkun dissważiva u biex jiġu evitati wisq bidliet.
11. Stat Membru jista' jagħti gwida strateġika lill-maniġer tal-infrastruttura bbażata fuq l-istrateġija indikattiva għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja, filwaqt li jirrispetta r-responsabbiltajiet operazzjonali tal-maniġer tal-infrastruttura. Din il-gwida strateġika tista' tippermetti li jiġu kkunsidrati karatteristiċi u rekwiżiti nazzjonali speċifiċi fil-kuntest ġenerali ta' approċċ aktar Ewropew għall-ippjanar u l-allokkazzjoni tal-kapaċità ferrovjarja. Huwa importanti li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar in-natura speċifika tat-tfassil tal-iskeda, jistabbilixxu volumi minimi għal tipi speċifiċi ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju u jkollhom il-possibbiltà li jirriflettu l-prijoritajiet nazzjonali fil-parametri għat-tqassim tal-kapaċità jew għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti.
12. Il-ġestjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja ser tkun ibbażata fuq ippjanar aktar fit-tul. Kull skeda li tidħol fis-seħħ minn Diċembru 2030 u li tapplika għas-sena ta' wara ser titħejja u tiġi implimentata wara tliet passi konsekuttivi: l-ippjanar, l-allokkazzjoni u l-adattament. F'kull pass hemm fażi ta' konsultazzjoni biex jinstemgħu l-ħtiġijiet tal-applikanti. Biex jappoġġa lill-maniġers tal-infrastruttura u lill-partijiet ikkonċernati operazzjonali fil-proċess tal-ippjanar, l-allokkazzjoni u l-adattament, l-ENIM ser iħejji qafas għall-ġestjoni tal-kapaċità. Dan il-qafas ser jipprovdi għodod, metodoloġiji u arranġamenti proċedurali għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura u għall-koordinazzjoni bejn il-maniġers tal-infrastruttura u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra.

1. Ippjanar: il-manigiers tal-infrastruttura ser jibdew bl-ippjanar strateġiku tal-kapaċità u jiżguraw li dawn il-pjanijiet jiġu kkoordinati bejn il-manigiers tal-infrastruttura. Dan ser jagħmilha aktar faċli biex l-applikanti jorganizzaw servizzi transfruntieri. Mill-pjan strateġiku, il-maniġer tal-infrastruttura ser iwettaq ippjanar aktar dettaljat, l-ewwel bi strateġija tal-kapaċità, imbagħad bil-mudell tal-kapaċità, u fl-aħħar bil-pjan tal-provvista tal-kapaċità. Huma mfassla proċeduri speċjali biex tiġi mmaniġġata infrastruttura użata jew konġestjonata ħafna.
  2. Allokazzjoni: wara l-ippjanar, id-drittijiet għall-użu tal-infrastruttura jridu jiġu allokatilill-applikanti, kemm id-drittijiet tal-kapaċità uniċi kif ukoll daww f'diversi networks. Għal dawn tal-aħħar, ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli speċifiċi. L-alkokazzjoni ser issir permezz ta' għodod diġitali u servizzi diġitali. Il-manigiers tal-infrastruttura ser ikollhom modi differenti kif jallokaw id-drittijiet tal-kapaċità u jeħtieġ li jqisu kwistjonijiet relatati mal-kapaċità tal-faċilitajiet tas-servizzi. Il-manigiers tal-infrastruttura huma meħtieġa wkoll jintegraw ix-xogħlijiet infrastrutturali fl-ippjanar. Jekk fi tmiem il-proċess ta' allokazzjoni jkun għad fadal kunflitt bejn it-talbiet mill-applikanti u l-kapaċità disponibbli, hemm proċess ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti. Jekk ma tkun tista' tinstab l-ebda soluzzjoni kunsenswali, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti tista' twassal għall-applikazzjoni ta' metodoloġija ekwa, trasparenti u mhux diskriminatorja, ibbażata fuq sett ta' kriterji operazzjonali, soċjoekonomiċi u ambjentali.
  3. Adattament: qabel ma l-iskeda tidħol fis-seħħ, kemm il-manigiers tal-infrastruttura kif ukoll l-applikanti jistgħu jitolbu bidliet. Madankollu, it-talba għal bidliet għandha tkun kemm jista' jkun limitata. Biex jiġu evitati wisq bidliet, ġiet stabbilita sistema ta' penali, biex il-maniġer tal-infrastruttura jew l-applikant jiġu skoraġġuti milli jitolbu bidla.
13. Ir-riżultat tal-ippjanar u l-alkokazzjoni huwa l-iskeda li tidħol fis-seħħ fil-bidu ta' Diċembru ta' kull sena. Dan jirriżulta fil-ġestjoni tat-traffiku, abbażi tal-iskeda. Bis-sistema l-ġdida xorta jistgħu jseħħu eventi mhux mistennija li jeħtieġu ġestjoni tat-tfixkil u ġestjoni tal-kriżijiet. Huwa importanti li daww kollha li jkunu involuti fil-ġestjoni tat-traffiku, tat-tfixkil u tal-kriżijiet iżommu lil xulxin infurmati. L-ENIM ser iħejji qafas li jappoġġa lill-manigiers tal-infrastruttura u lill-partijiet ikkonċernati operazzjonali biex jikkordinaw il-ġestjoni tat-traffiku, tat-tfixkil u tal-kriżijiet, b'għodod, metodoloġiji u arranġamenti proċedurali komuni.

14. L-ENIM għandu jimmonitorja u jivvaluta l-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja. L-ENIM ser iħejji qafas biex jappoġġa lill-manigġers tal-infrastruttura b'għodod, metodoloġiji u arranġamenti proċedurali komuni għal dan ir-rieżami tal-prestazzjoni. L-ENIM ser jippubblika rapport Ewropew tar-rieżami tal-prestazzjoni u jaġġorna dan ir-rapport kull sena. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi bord konsultattiv tal-prestazzjoni bħala bord ta' esperti indipendenti u imparzjali. Il-bord għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-prestazzjoni u jirrieżamina l-abbozz tar-rapport dwar il-prestazzjoni u għandu jippreżenta taqsima awtonoma fir-rapport dwar ir-rieżami tal-prestazzjoni.
15. Governanza
1. Ir-Regolament jassenja responsabbiltajiet ġodda lill-ENIM: li jistabbilixxi t-tliet oqfsa u li jikkoordina aħjar il-ħidma tal-manigġers tal-infrastruttura meta din tkun relatata ma' servizzi ferrovjarji f'diversi networks. Ser jaħtar ukoll il-koordinatur tan-network, wara li tingħata l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.
  2. Għandu jinħatar koordinatur tan-network biex jappoġġa l-ħidma tal-ENIM. Dan il-koordinatur tan-network għandu jaġixxi bħala s-segretarjat tal-ENIM, jikkontribwixxi għat-tnejn tal-oqfsa u għall-koordinazzjoni bejn il-manigġers tal-infrastruttura, jidentifika l-ostakli għas-servizzi ferrovjarji f'diversi networks, jaġixxi bħala punt ta' kuntatt u jappoġġa l-ħidma fuq id-diġitalizzazzjoni.
  3. In-Network Ewropew tal-Korpi Regolatorji Ferrovjarji (ENRRB) ser ikollu funzjonijiet speċifiċi skont dan ir-Regolament biex jimmonitorja kwistjonijiet regolatorji u jikkoordina bejn ir-regolaturi nazzjonali, meta jinqalgħu kwistjonijiet relatati mas-servizzi ferrovjarji f'diversi networks.
  4. Il-partijiet ikkonċernati operazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu l-ERP biex jiżguraw konsultazzjoni effettiva tas-settur ferrovjarju mal-ENIM.
16. F'każ li l-ENIM jonqos milli jippreżenta wieħed jew aktar mill-oqfsa jew l-elementi tagħhom, jew jekk wieħed jew aktar mill-oqfsa jew l-elementi tagħhom ma jkunux adegwati biex jissodisfaw l-oġettivi maħsuba, jew wieħed jew aktar mill-oqfsa ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw il-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni biex tadotta l-qafas rilevanti jew xi elementi tiegħu.

17. L-ewwel skeda li ssegwi r-regoli l-ġodda skont dan ir-Regolament ser tiġi ppubblikata fl-2030 u dik l-iskeda ser tibda tapplika mill-14 ta' Diċembru 2030.

#### **IV. KONKLUŻJONI**

18. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess milħuq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
19. Ladarba jiġi adottat, ir-Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010, ser ikun kontribut importanti għas-settur tat-trasport.